QORTI KRIMINALI

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D. Ph.D.

**Att tal-Akkuża 61/2023**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs**

**Elliot Paul Busuttil**

**<u>Illum, 5 ta' Marzu 2024</u>**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi kontra **Elliot Paul Busuttil,** bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru **106084M,** l-Avukat Ġenerali f'isem ir-Repubblika ta' Malta jgħid:

**<u>L-EWWEL KAP – attentat ta' omiċidju volontarju</u>**

Illi fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għall-ħabta tal-ħdax u kwart ta' filgħaxija (23:15) il-Pulizija tal-għassa tar-Rabat ġew infurmati mill-kamra tal-kontroll tal-kwartieri ġenerali tal-Pulizija fuq informazzjoni li daħlet minn Pulizija pajżan, illi kien hemm persuna maskili mixħut mal-art mimli dmija fil-limiti tal-parkeġġ ta' Ta Qali f'Ħ'Attard.

Illi l-Pulizija li lemaħ lil din il-persuna mixħuta mal-art spjega kif waqt li kien qed isuq minn ħdejn l-imsemmi parkeġġ l-ewwel lemaħ persuna maskili liebes qalziet aħmar u flokk abjad jiġri lejn passaġġ ġol-għelieqi fejn ftit tal-ħin wara sema persuna tgħajjat 'help me' li rriżulta kien raġel mixħut fuq bankina mimli dmija b'diversi ġrieħi viżibbli f'wiċċu kif ukoll f'partijiet oħra ta' ġismu.

Illi minn aktar stħarriġ il-vittma rriżulta li kien ċertu Emil Vassilev Marinov ta' nazzjonalta` Bulgara residenti B'kara. Illi l-vittma stqarr li dak in-nhar stess kien ikkommunika ma persuna maskili fuq facebook marketplace bl-isem ta' Elliot sabiex jixtri par speakers li dan Elliot kien irriklama fuq l-imsemmi sit. Illi l-vittma kompla jispjega li dan Elliot kien joqgħod Ħ'Attard, u li kkommunika miegħu fuq il-linja telefonika 21415054.

Illi jirriżulta li wara li ftehmu li jiltaqgħu Ħ'Attard fil-viċinanzi ta' MayPole, Elliot talab lill-vittma biex iwasslu l-Marsa bl-iskuża li kellu bżonn jiġbor xi ċwievet. Illi mill-Marsa reġgħu marru lura Ħ'Attard fejn kien joqgħod Elliot. Illi jirriżulta li l-vittma, baqa jistenna lil Elliot fil-vettura b'Elliot jitfaċċa lura jitlob lill-vittma biex isuqu minn naħa ta' wara lejn Ta' Qali.

Illi l-vittma stqarr kif meta waslu ġewwa l-parkeġġ il-kbir ta' Ta Qali dan Elliot ħebb għalih b'sikkina jitolbu l-flus li kellu fuqu. Illi meta l-Pulizija raw l-gravita` tal-każ kif ukoll l-kundizzjoni prekarja tal-vittma, infurmat lill-Maġistrat biex tinfetaħ Inkjesta u jinnomina diversi esperti biex jassistu fl-investigazzjoni u l-prižervazzjoni tax-xena tad-delitt u l-ġbir tal-evidenza.

Illi b'din l-informazzjoni l-Pulizija bdiet l-investigazzjoni fuq l-imsemmi Elliot b'dana li minn tali stħarriġ irriżulta li dan Elliot kien Elliot Paul Busuttil bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M, minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll l-akkużat.

Illi b'għemilu l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioe lil Emil Vassilev Marinov jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, meta ta diversi daqqiet ta' sikkina fid-direzzjoni ta' Emil Vassilev Marinov, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu u dana peress li l-akkużat kellu jaħrab minn fuq ix-xena tad-delitt malli ra persuna riesqa lejh.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lil Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00) ġewwa Ta Qali, Ħ'Attard, dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu.

Konsegwentament l-Avukat Ġenerali jitlob li jintgħamel skont il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi jiġi kkundannat, bħala reċediv, għall-piena minn tminn (8) snin sa erbgħin (40) sena priġunerija bir-reklużjoni, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15A, 17, 31, 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil.

**<u>IT-TIENI KAP – serq ikkwalifikat bil-vjolenza, ħin u lok</u>**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, data u ħin hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) l-akkużat Elliot Paul Busuttil, bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u

erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M, irriklama par speakers fuq sit elettroniku għall-prezz ta' mija u ħamsin ewro (€150) hekk kif ikkonferma l-vittma Emil Vassilev Marinov fejn spjega lill- Pulizija li fi triqtu għal Ħ'Attard biex jiltaqa` mal-akkużat waqaf jiġbed tali ammont.

Illi mill-provi prodotti huwa evidenti li tali speakers ma kienu jeżistu xejn fejn l-għan aħħari u premeditat tal-akkużat kien li jsib persuna li tirrispondi għar-reklam tiegħu u bis-sewwa jew bid-dnewwa jakkwista l-imsemmija flus.

Illi l-vittma Emil Vassilev Marinov spjega li meta l-akkużat talbu biex imorru l-Marsa, x'ħin talbu biex jieqaf, talbu tletin ewro (€30) bi ftehim li dawna jinqataw mill-kont totali li kellu jitħallas fuq l-ispeakers. Illi Emil ikkonferma li għaddilu dawn it-tletin ewro (€30).

Illi l-vittma Emil Vassilev Marinov kompla li l-akkużat talbu biex jerġa jieħdu fil-post fejn iltaqgħu l-ewwel darba fejn il-blokkok tal-Gvern fejn ir-roundabout tal-Maypole. Illi wara li Emil għamel madwar nofs siegħa jistennih fil-vettura tiegħu, l-akkużat tfaċċa barra fejn talbu biex imorru lejn Ta Qali fejn kien hemm garaxx ieħor biex jiftaħ lilu. Illi għall-ħabta ta' bejn l-għaxra u l-ħdax ta' filgħaxija, x'ħin waslu ħdejn il-grawnd tal-futbol, ergo fi triq pubblika fil-kampanja l'barra mill-abitat, l-akkużat qallu biex jipparkja l-vettura u niżel mill-vettura fejn stiednu biex jinżel ukoll. Illi l-vittma spjega li kien f'dan il-mument li safa attakkat għal diversi drabi bl-akkużat jitolbu l-flus li kellu fuqu jew inkella joqtlu. Illi għalkemm ferut gravi l-vittma għamel l-almu kollu tiegħu biex jagħtih il-flus peress illi ironikament għalkemm dawn il-flus kienu l-kaġun ta' dan kollu kienu l-istess flus li bis-saħħa tagħhom il-vittma nħeles minn taħt l-akkużat peress illi meta il-vittma ħareġ il-flus mill-but tefagħhom ftit il-bogħod minnhom.

Illi b'għemilu l-imsemmi l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati talli, fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) seraq lil Emil Vassilev Marinov l-ammont

ta' mija u ħamsin ewro (€150) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, u kwindi b'theddid u saħansitra bl-attentat ta' omiċidju ta' Emil Vassilev Marinov, fis-satra tal-lejl u fi triq pubblika fil-kampanja l'barra mill-abitat.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati li fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ikkommetta serqa bil-vjolenza, u kwindi b'theddid u saħansitra bl-attentat ta' omiċidju ta' Emil Vassilev Marinov, fis-satra tal-lejl u fi triq pubblika fil-kampanja l'barra mill-abitat.

Konsegwentament l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat, bħala reċediv, għall-piena ta' priġunerija minn sitt (6) snin sa tletin (30) sena, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 23, 31, 49, 50, 261(a)(e) u (f), 262(1)(a)(b), 269(ċ), 270, 273, 383, 384, 386, 412C u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil.

**<u>IT-TIELET KAP – pussess ta' strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr permess</u>**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, data u ħin hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00), jirriżulta li filwaqt li l-akkużat Elliot Paul Busuttil bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M, agredixxa lil Emil Vassilev Marinov, kellu fuq il-persuna tiegħu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta liema strument li jaqta u/jew bil-ponta ntuża fil-konfront tal-imsemmi Emil Vassilev Marinov hekk kif jikkonfermaw it-tabib medikolegali u l-feriti permanenti nfushom rispettivament. Illi l-akkużat ma

kellu ebda liċenzja u/jew permess tal-Kummissarju tal-Pulizija li tippermettilu jġorr sikkina barra mid-dintorni tiegħu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Elliot Paul Busuttil sar ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati talli nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

Konsegwentament l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat, bħala reċediv, għal żmien mhux iżjed minn tlett xhur priġunerija, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 6 u 51(7) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 17, 31, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil.

**<u>IR-RABA KAP – arma regolari jew imitazzjoni tagħha fuq il-persuna waqt li qed jagħmel reat kontra l-persuna kif ukoll reat ta' serq</u>**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, lok, data, u ħin hekk kif jirriżultaw u ndikati fl-ewwel Kap ta' din l-Att tal-Akkuża u ċioe fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal-ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00), jirriżulta li filwaqt li l-akkużat Elliot Paul Busuttil, bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M, ikkommetta reat kontra l-persuna ta' Emil Vassilev

Marinov, kif ukoll ir-reat ta' serq dejjem fil-konfront tal-imsemmi vittma, l-akkużat kellu fil-pussess tiegħu xi arma regolari u/jew xi imitazzjoni tagħha liema użu tagħha sar bi skop illeġittimu.

Illi b'għemilu l-imsemmi Elliot Paul Busuttil sar ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien fil-pussess ta' xi arma regolari u/jew imitazzjoni tagħha għal skop illeġittimu waqt li kkommetta r-reati kontra l-persuna u ta' serq rispettivament.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuża lill-imsemmi Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien fil-pussess ta' xi arma regolari u/jew imitazzjoni tagħha għal skop illeġittimu waqt li kkommetta r-reati kontra l-persuna u ta' serq rispettivament.

Konsegwentament l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil u illi huwa jiġi kkundanat, bħala reċediv, il-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn ħames (5) snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 17, 31, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil.

**<u>IL-ĦAMES KAP – omiċidju volontarju ta' Mario Farrugia</u>**

Illi nhar l-ewwel (1) t' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), il-Pulizija Eżekuttiva rċeviet missing person report rigwardanti ċertu Mario Farrugia. Illi skont informazzjoni li kellhom il-Pulizija Eżekuttiva, Mario Farrugia kien jirrisjedi ġewwa Pembroke u kien jaħdem bħala xufier tat-taxi filwaqt li kellu vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074. Illi fil-ġranet sussegwenti, il-Pulizija Eżekuttiva kompliet bl-

investigazzjoni tagħha fir-rigward tat-tfittxijiet ta' Mario Farrugia li però ma ħallewx il-frott tagħhom.

Illi nhar il-ħamsa (5) t' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074 instabet f' Wied is-Sewda Qormi. Illi mal-wasla tal-Pulizija Eżekuttiva, ġiet infurmata l-Maġistrat Inkwerenti li min-naħa tagħha ġiet ukoll fuq il-post u fetħet inkjesta in konnessjoni mal-każ.

Illi malli nfetaħ il-bagoll tal-imsemmija vettura, instab katavru maskili fi stat ta' dekompożizzjoni, liema katavru aktar tard ġie identifikat bħala dak tal-imsemmi Mario Farrugia.

Illi sussegwentament għas-sejba tal-katavru, il-Pulizija Eżekuttiva kompliet bl-investigazzjonijiet tagħha u dan anke bl-għajnuna ta' diversi esperti li ġew maħtura fl-inkjesta relatata mal-każ odjern.

Illi minn stħarriġ ulterjuri rriżulta li l-vittma Mario Farrugia ma daħalx lura d-dar tiegħu ġewwa Pembroke wara li ħareġ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).

Illi minn analiżi ta' filmati tas-CCTV's rrizulta li l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074 tħalliet fil-post fejn instabet nhar it-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-ħinijiet ta' filgħodu. Illi minn analiżi ulterjuri tal-filmati rriżulta li l-persuna li dehret ħierġa mill-imsemmija vettura kien Elliot Paul Busuttil, bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M, minn issa l-quddiem jissejjaħ ukoll bħala l-akkużat. Illi mit-tletin (30) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) sal-ħamsa (5) t' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), il-vettura in kwistjoni ma ċċaqalqitx.

Illi rriżulta oltre, anke permezz ta' filmati ta' CCTV u mid-data u localization ta' telefowns ċellulari, illi l-akkużat Elliot Paul Busuttil u l-vittma Mario Farrugia fil-lejl ta' bejn it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u d-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) kienu qegħdin flimkien.

Illi rriżulta wkoll li fil-lejl ta' bejn it-tmienja u għoxrin (28) u d-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu tas-sena tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), l-akkużat Elliot Paul Busuttil ċempel lil terzi persuni miċ-ċellulari li kien qed jagħmel użu minnu Mario Farrugia.

Illi wkoll, fil-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074 nstab DNA li qabel mal-profil ġenetiku tal-akkużat Elliot Paul Busuttil u kif ukoll mir-residenza fejn jirrisjedi l-akkużat Elliot Paul Busuttil ġew elevati traċċi ta' demm li qablu mal-profil ġenetiku tad-defunt Mario Farrugia.

Illi lura għall-kadavru ta' Mario Farrugia li nstab ġewwa l-bagoll tal-vettura hawn fuq imsemmija, irriżulta li kellu diversi leżjonijiet liema leżjonijiet, skont l-espert tal-Qorti, ġew subiti minn strument bil-ponta u li jaqta' min-naħa waħda. Illi skont l-istess espert tal-Qorti, il-mewt ta' Mario Farrugia kienet relatata direttament ma' dawn il-leżjonijiet li ġew subiti u li minnhom intilef ħafna demm fejn skont l-istess espert dan kien każ ta' omiċidju, liema omiċidju mill-investigazzjoni kondotta u l-provi miġbura rriżulta li ġie kommess mill-akkużat Elliot Paul Busuttil b'dana li bil-ħsieb li joqtol lil Mario Farrugia tah diversi daqqiet bi strument bil-ponta bil-konsegwenza li kkaġunalu l-mewt.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati ta' omiċidju volontarju, u ċioe' talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Mario Farrugia jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap tal-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati ta' omiċidju volontarju, u ċioe' talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Mario Farrugia jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt.

Konsegwentament l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil u illi hu jiġi kkundannat, bħala reċediv, għall-piena ta' priġunerija għal għomru flimkien mar-reklużjoni, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 15A, 17, 31, 49, 50, 211(1), 211(2) u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil.

**<u>IS-SITT KAP – arma regolari jew imitazzjoni tagħha fuq il-persuna waqt li qed jagħmel reat kontra l-persuna</u>**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fil-kap preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża, u ċioe bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, l-akkużat Elliot Paul Busuttil, bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M, filwaqt illi kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Illi nhar l-ewwel (1) t' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), il-Pulizija Eżekuttiva rċeviet missing person report rigwardanti ċertu Mario Farrugia.

Illi nhar il-ħamsa (5) t' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074 instabet f' Wied is-Sewda Qormi. Illi mal-wasla tal-Pulizija Eżekuttiva, ġiet infurmata l-Maġistrat Inkwerenti li min-naħa tagħha ġiet fuq il-post u fetħet inkjesta in konnessjoni mal-każ.

Illi malli nfetaħ il-bagoll tal-imsemmija vettura, instab katavru maskili fi stat ta' dekompożizzjoni, liema katavru aktar tard ġie identifikat bħala dak ta' Mario Farrugia.

Illi minn stħarriġ ulterjuri rriżulta li l-vittma Mario Farrugia ma daħalx lura d-dar tiegħu ġewwa Pembroke wara li ħareġ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).

Illi skont l-espert tal-Qorti il-katavru ta' Mario Farrugia kellu diversi leżjonijiet, liema leżjonijiet ġew subiti minn strument bil-ponta u li jaqta' min-naħa waħda u l-mewt ta' Mario Farrugia kienet relatata direttament ma' dawn il-leżjonijiet li ġew subiti li minnhom intilef ħafna demm. Illi skont l-istess espert dan kien każ ta' omiċidju, liema omiċidju mill-investigazzjoni kondotta u l-provi miġbura rriżulta li ġie kommess mill-akkużat Elliot Paul Busuttil li filwaqt illi kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, u ċioe l-omiċidju ta' Mario Farrugia, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, filwaqt illi kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati talli bejn it-

tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, filwaqt illi kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

Konsegwentament l-Avukat Ġenerali jitlob li jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil u illi huwa jiġi kkundanat, bħala reċediv, il-piena ta' priġunerija ta' mhux iżjed minn ħames (5) snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) tal-Att dwar l-Armi, Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-artikoli 17, 31, 49, 50, u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jew għal kull piena oħra li tista' skont il-liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil.

**<u>IS-SEBA KAP – ħabi ta' persuna maqtula</u>**

Illi fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija fiż-żewġ kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża u ċioe bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, l-akkużat Elliot Paul Busuttil, bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M, wara li kkommetta omiċidju volontarju ta' Mario Farrugia, xjentement ħeba l-kadavru tal-istess Mario Farrugia.

Illi Mario Farrugia kien jaħdem bħala xufier tat-taxi filwaqt li kellu vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074.

Illi nhar l-ewwel (1) t' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), il-Pulizija Eżekuttiva rċeviet missing person report rigwardanti ċertu Mario Farrugia.

Illi nhar il-ħamsa (5) t' April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074 instabet f' Wied is-Sewda Qormi. Illi mal-wasla tal-Pulizija Eżekuttiva, ġiet infurmata l-Maġistrat Inkwerenti li min-naħa tagħha ġiet fuq il-post u fetħet inkjesta in konnessjoni mal-każ. Illi malli nfetaħ il-bagoll tal-istess karozza bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074, instab katavru maskili fi stat ta' dekompożizzjoni, liema katavru aktar tard ġie identifikat bħala dak ta' Mario Farrugia. Illi skont l-esperti maħtura fil-mori tal-inkjesta relatata fil-każ odjern, dan kien każ ta' omiċidju.

Illi minn stħarriġ ulterjuri rriżulta li l-vittma Mario Farrugia ma daħalx lura d-dar tiegħu ġewwa Pembroke wara li ħareġ nhar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022).

Illi sussegwentament għas-sejba tal-katavru, il-Pulizija Eżekuttiva kompliet bl-investigazzjonijiet tagħha u dan anke bl-għajnuna ta' diversi esperti oħra li ġew maħtura fl-inkjesta relatata mal-każ odjern fejn rriżulta illi wara li l-akkużat Elliot Paul Busuttil wettaq l-omiċidju ta' Mario Farrugia, l-akkużat Elliot Paul Busuttil ħeba l-katavru ta' Mario Farrugia fil-bagoll tal-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni BGY074 ġewwa Wied is-Sewda Qormi.

Illi għalhekk, b'għemilu, l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati ta' ħabi ta' persuna maqtula u ċioe talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, xjentement ħeba kadavru ta' persuna li mietet b' delitt u ċioe dak ta' Mario Farrugia.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi, żmien, lok, u fatti msemmija aktar 'l fuq f'dan il-Kap ta' l-Att ta' Akkuża, jakkuża lill-imsemmi Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati ta' ħabi ta' persuna maqtula, u ċioe' talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas- sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022),

fil-Gżejjer Maltin, xjentement ħeba kadavru ta' persuna li mietet b' delitt u ċioe dak ta' Mario Farrugia.

Konsegwentament l-Avukat Ġenerali jitlob illi jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil u illi hu jiġi kkundannat, bħala reċediv, għall-piena ta' priġunerija għal żmien minn erba' (4) xhur sa disa' (9) xhur, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50, 239 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, jew għal kull piena oħra li tista' skont il-Liġi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil.

**IT-TMIEN KAP – Ksur ta' digriet għall-ħelsien mill-arrest**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija fit-tlett kapi preċedenti ta' dan l-Att ta' Akkuża u ċioe bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, l-akkużat Elliot Paul Busuttil, bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M ikkommetta omiċidju volontarju ta' Mario Farrugia, kellu fuqu arma regolari jew imitazzjoni tagħha waqt li qed jagħmel reat kontra l-persuna u xjentement ħeba l-kadavru ta' persuna li mietet b' delitt u ċioe l-katavru ta' Mario Farrugia. Illi wkoll jirriżulta li l-akkużat Elliot Paul Busuttil ma kienx qiegħed ġewwa d-dar fejn joqgħod bejn is-sebgħa u nofs ta' filgħaxija (19:30) u t-tmienja ta' filgħodu (08:00).

Illi jirriżulta li fit-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020) l-akkużat Elliot Paul Busuttil ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mill-Qorti Kriminali fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Stacey Attard) vs Elliot Paul Busuttil (per Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera). Fost l-obbligi marbuta mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest kien hemm l-obbligu li l-imputat ma jikkommettix reat ieħor waqt li jkun

meħlus mill-arrest u li ma joħroġx mid-dar qabel it-tmienja ta' filgħodu (08:00) u jirrinkaża ruħu fis-sebgħa u nofs ta' flgħaxija (19:30).

Għaldaqstant, l-akkużat Elliot Paul Busuttil naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tat il-ħelsien mill-arrest, b'dana illi meta kien hekk meħlus mill-arrest, ikkommetta delitt li ma jkunx ta' natura involontarja u ma kienx qiegħed ġewwa d-dar fejn joqgħod bejn is-sebgħa u nofs ta' flgħaxija (19:30) u t-tmienja ta' filgħodu (08:00).

Illi għalhekk b'għemilu l-akkużat Elliot Paul Busuttil, sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest u ċioe talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas- sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Stacey Attard) vs Elliot Paul Busuttil (per Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera) fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020).

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem Ir-Republika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi u żmien aktar l-fuq msemmija f'dan l-Att tal-Akkuża, jakkuża lil Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Stacey Attard) vs Elliot Paul Busuttil (per Imħallef Dott. Consuelo Scerri Herrera) fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020).

Konsegewentament l-Avukat Ġenerali jitlob sabiex jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil, bħala reċediv u illi jiġi kkundannat għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erbgħa (4) xhur sa tlett (3) snin, jew għal multa u priġunerija flimkien, u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija

jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew miżura tassattiva.

**ID-DISA' KAP – Ksur ta' digriet għall-ħelsien mill-arrest**

Illi fil-kuntest taċ-ċirkostanzi u żmien imsemmija f'dan l-Att ta' Akkuża, l-akkużat Elliot Paul Busuttil, bin Spiridione u Maria Dolores xebba Goodlip, imwieled il-Pieta`, nhar it-tielet (3) jum tax-xahar ta' Frar tas-sena elf disa` mija u erbgħa u tmenin (1984), residenti ġewwa Blk A4, Flt 2, Triq l-Isptar, Attard, detentur tal-karta tal-identita` Maltija bin-numru 106084M, fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00) ġewwa Ta Qali, Ħ'Attard, ikommetta tentattiv ta' omiċidju volontarju, serq ikkwalifikat bil-vjolenza, pusses ta' strument li jaqta' jew bil-ponta mingħajr permess u kellu fuqu arma regolari jew imitazzjoni tagħha waqt li qed jagħmel reat kontra l-persuna kif ukoll reat ta' serq U kif ukoll bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, l-akkużat Elliot Paul Busuttil ikkommetta omiċidju volontarju ta' Mario Farrugia, kellu fuqu arma regolari jew imitazzjoni tagħha waqt li qed jagħmel reat kontra l-persuna u xjentement ħeba l-kadavru ta' persuna li mietet b' delitt u ċioe l-katavru ta' Mario Farrugia.

Illi wkoll jirriżulta li l-akkużat Elliot Paul Busuttil ma kienx qiegħed ġewwa d-dar fejn joqgħod bejn it-tmienja ta' filgħaxija (20:00) u s-sebgħa ta' filgħodu (07:00).

Illi jirriżulta li nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018) l-akkużat Elliot Paul Busuttil ngħata l-benefiċċju tal-ħelsien mill-arrest mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs Elliot Paul Busuttil (per Magistrat (illum Imħallef) Dott. Natasha Galea Sciberras). Fost l-obbligi marbuta mal-għoti tal-ħelsien mill-arrest kien hemm l-obbligu li l-imputat ma jikkommettix delitt ieħor ta' natura volontarja waqt li jkun meħlus mill-arrest u l-obbligu li jirtira ġewwa

d-dar fejn joqgħod mhux iżjed tard mit-tmienja ta' filgħaxija (8:00pm) u ma joħroġx minn hemm qabel is-sebgħa tal-għada filgħodu (7:00am).

Għaldaqstant, bil-kommissjoni tar-reati speċifikati fil-kapi preċedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża, l-akkużat Elliot Paul Busuttil naqas milli josserva xi kundizzjoni imposta mill-Qorti fid-digriet tagħha li bih tat il-ħelsien mill-arrest, b'dana illi meta kien hekk meħlus mill-arrest, ikkommetta delitt li ma jkunx ta' natura involontarja u ma rtirax ġewwa daru bejn it-tmienja ta' filgħaxija (8:00pm) u s-sebgħa ta' filgħodu (7:00am).

Illi għalhekk b'għemilu l-akkużat Elliot Paul Busuttil, sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest u ċioe talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00) ġewwa Ta Qali, Ħ'Attard u/jew bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas- sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs Elliot Paul Busuttil (per Magistrat (illum Imħallef) Dr. Natasha Galea Sciberras) fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Għaldaqstant, l-Avukat Ġenerali, f'isem Ir-Republika ta' Malta, fl-isfond taċ-ċirkostanzi u żmien aktar l-fuq msemmija f'dan l-Att tal-Akkuża, jakkuża lil Elliot Paul Busuttil quddiem il-Qorti Kriminali, ħati talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00) ġewwa Ta Qali, Ħ'Attard, u/jew bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas- sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs Elliot Paul Busuttil (per Magistrat (illum Imħallef) Dr. Natasha Galea Sciberras) fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Konsegewentament l-Avukat Ġenerali jitlob sabiex jingħamel skont il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat Elliot Paul Busuttil, bħala reċediv u illi jiġi kkundannat għall-piena tal-multa jew ta' priġunerija għal żmien ta' erbgħa (4) xhur sa tlett (3) snin, jew għal multa u priġunerija flimkien, u l-ammont stabbilit fil-ħelsien mill-arrest taħt garanzija jiġi konfiskat favur il-Gvern ta' Malta, skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 17, 31, 49, 50 u 579 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dan oltre kwalsiasi sanzjoni u/jew miżura tassattiva.

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużat Elliot Paul Busuttil ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-8 ta' Frar 2024 li permezz tiegħu ddikjaraw li ai termini tal-artikolu 453A (1) tal-Kap IX tal-Liġijiet ta' Malta, li fl-eventwalita li jkun hemm ammissjoni da parti tal-akkużat Elliot Paul Busuttil għall-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu, il-piena li għandha tiġi nflitta fuqu minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda kumplessiva ta' priġunerija effettiva għall-perijodu ta' ħamsa u tlettin sena (35) u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, spejjeż, konfiski u/jew konsegwenza oħra tassattiva għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija fit-termini tal-kapitolu 9 u tal-kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat il-verbal tal-udjenza quddiem din il-Qorti kif preseduta nhar il-15 ta' Frar 2024 fejn hemm reġistrat illi l-akkużat, allura imputat, Elliot Paul Busuttil ammetta l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu u dan fil-presenza tal-avukat difensuri tiegħu Dr. Edward Gatt u Dr Shaun Zammit u fil-presenza ta' Dr. Maria Schembri, Dr Kevin Valletta u Dr Kaylie Bonnett li kienu qed jidhru għan-nom u in rappresentanza tal-Avukat Ġenerali. Preżenti ukoll f'din is-seduta kien hemm Dr Jason Azzopardi li kien qed jidher għall-*parti civile* Emil Vassilev Marinov u Dr Arthur Azzopardi u Dr Jacob Magri li kiene qed jidhru għall-*parte civile* u cioe'għall-familjari tal-mejjet Mario Farruġia.

Rat ukoll li fil-verbal ta' l-istess udjenza miżmuma quddiemha, din il-Qorti wisset lill-akkużat bl-iktar mod solenni dwar il-konsegwenzi legali tal-ammissjoni tiegħu u tad-dikjarazzjoni ta' ħtija u spjegat lilu l-piena errogabbli fuq dikjarazzjoni tal-ħtija għad-

delitti *inter alia* ta' omiċidju volontarju fuq il-persuna ta' Mario Farrugia u attentat ta' omiċidju volontarju fuq il-persuna ta' Emil Vassilev Marinov.

Rat illi minkejja li din l-Qorti akkordat żmien lill-akkużat biex jirrikonsidra l-ammissjoni tiegħu dan insista li l-ammissjoni tiegħu tiġi hekk reġistrata f'dawn l-atti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

In vista tal-ammissjoni reġistrata quddiem din l-Onorabbli Qorti nhar il-15 ta' Frar 2024, tiddikjara lil Elliot Paul Busuttil ħati tal-kapi kollha ta' akkuża miġjuba kontra tiegħu u cioe talli:-

1. B'għemilu l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati ta' tentattiv ta' omiċidju volontarju u ċioe' talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) dolożament, bil-ħsieb li joqtol persuna u ċioe lil Emil Vassilev Marinov jew li jqiegħed il-ħajja tagħha f'periklu ċar, wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-eżekuzzjoni tad-delitt ta' omiċidju volontarju, meta ta diversi daqqiet ta' sikkina fid-direzzjoni ta' Emil Vassilev Marinov, liema delitt ma ġiex eżegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali w indipendenti mill-volonta' tiegħu u dana peress li l-akkużat kellu jaħrab minn fuq ix-xena tad-delitt malli ra persuna riesqa lejh.

2. B'għemilu l-imsemmi l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati talli, fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) seraq lil Emil Vassilev Marinov l-ammont ta' mija u ħamsin ewro (€150) liema serq huwa ikkwalifikat bil-vjolenza, u kwindi b'theddid u saħansitra bl-attentat ta' omiċidju ta' Emil Vassilev Marinov, fis-satra tal-lejl u fi triq pubblika fil-kampanja l'barra mill-abitat.

3. B'għemilu l-imsemmi Elliot Paul Busuttil sar ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) ġarr 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellu liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija.

4. B'għemilu l-imsemmi Elliot Paul Busuttil sar ħati talli, nhar it-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) kien fil-pussess ta' xi arma regolari u/jew imitazzjoni tagħha għal skop illeġittimu waqt li kkommetta r-reati kontra l-persuna u ta' serq rispettivament.

5. B'għemilu, l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati ta' omiċidju volontarju, u ċioe' talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, dolożament, bil-ħsieb li joqtol lil Mario Farrugia jew li jqiegħed il-ħajja tiegħu f'periklu ċar, ikkaġunalu l-mewt.

6. B'għemilu, l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, filwaqt illi kien qed jagħmel reat kontra l-persuna, kellu fuq il-persuna tiegħu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oġġetti.

7. B'għemilu, l-akkużat Elliot Paul Busuttil sar ħati ta' ħabi ta' persuna maqtula u ċioe talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022), fil-Gżejjer Maltin, xjentement ħeba kadavru ta' persuna li mietet b' delitt u ċioe dak ta' Mario Farrugia.

8. B'għemilu l-akkużat Elliot Paul Busuttil, sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest u ċioe talli bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas- sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Keith Arnaud u Spettur Stacey Attard) vs Elliot Paul Busuttil (per Imħallef Dr. Consuelo Scerri Herrera) fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar it-tlieta (3) ta' Diċembru tas-sena elfejn u għoxrin (2020).

9. B'għemilu l-akkużat Elliot Paul Busuttil, sar ħati ta' ksur ta' digriet tal-ħelsien mill-arrest u ċioe talli fit-tlettax (13) ta' Awwissu tas-sena elfejn u għoxrin (2020) għal ħabta

tal-ħdax ta' filgħaxija (23.00) ġewwa Ta Qali, Ħ'Attard u/jew bejn it-tmienja w għoxrin (28) ta` Marzu tas-sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) u l-ħamsa (5) ta` April tas- sena elfejn u tnejn u għoxrin (2022) fil-Gżejjer Maltin, naqas milli jħares xi waħda mill-kundizzjonijiet imposti mill-Qorti fil-kawża Il-Pulizija (Spettur Godwin Scerri) vs Elliot Paul Busuttil (per Magistrat (illum Imħallef) Dr. Natasha Galea Sciberras) fid-digriet tagħha li bih tatu l-ħelsien mill-arrest nhar il-ħamsa (5) ta' Settembru tas-sena elfejn u tmintax (2018).

Ħadet in konsiderazzjoni l-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna dwar il-piena f'ċirkostanzi fejn tkun reġistrata ammissjoni, fosthom **Ir-Repubblika ta' Malta vs Nicholas Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-24 ta' Frar 1997, **Il-Pulizija vs Emanuel Testa** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju 2002, **Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Camilleri** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002 fejn kienu diskussi regoli ġenerali li għandhom iservu ta' gwida lill-Qorti fil-kominazzjoni tal-piena f'każ ta' ammissjoni bikrija fejn, fis-sentenza appena ċitata ta' Emanuel Testa saret referenza għal dak ċitat fis-sentenza kontra Nicholas Azzopardi senjatament meta il-Qori kkwotat b'mod estensiv Il-**Blackstone's Criminal Practice**[1] għaliex ddikjarat li taqbel mal-prinċipji hemm enunċjati u tagħmel dawk il-prinċipji bħala tagħha:

> *"Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate "discount" has never been fixed. In Buffery [1992] 14 Cr. App. R (S) 511) Lord Taylor CJ indicated that "something in the order of one third would very often be an appropriate discount", **but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea**[2]. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders himself to the police and admits*

[1] Blackstone Press Limited – 2001 edit
[2] Enfasi ta' din l-Onorabbli Qorti.

*a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount. (Hoult (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; Claydon (1993) 15 Cr. App. R (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (Wood [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (Guy [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24).*

1. *Where an offender has been caught red handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (Morris [1998] 10 Cr. App. R. (S) 216; Landy [1995] 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (Hollington [1985] 85 Cr. App. R. 281; Okee [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199.) Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty by adducing a version of the facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (Williams [1990] 12 Cr. App. R. (S) 415.) The leading case in this area is Costen [1989] 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount may be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a long sentence, possibly the maximum sentence, be passed, (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender has been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain...."*

Rat dak li ġie verbalizzat fl-atti u cioe fis-seduta tat-15 ta' Frar 2024, li din il-Qorti ma kinitx marbuta ma' dak li ġie patteġġjat mill-akkużat u l-Avukat Ġenerali.

Pero` l-kunċett ta' patteġġjament ġie trattat mill-Qorti fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Mario Spagnol</u>** deċiż fis-6 ta' Jannar 2005 (u ċitat b'approvazzjoni minn

dik il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Anthony Zammit** deċiża fit-12 ta' Jannar 2005) u dak li ntqal f'dik il-kawża sejjer jiġi ċitat in extenso:

*"Illi dan il-kuncett ta' patteggjament dwar il-piena, sia pure seta' kien fil-prattika dejjem adoperat b'mod informali kemm fil-Qrati tal-Magistrati bhala Qrati ta' Gudikatura Kriminali, kif ukoll quddiem il-Qorti Kriminali, iddahhal ghall-ewwel darba b'forma istituzzjonalizzata fil-ligi penali taghna bl-artikolu gdid 453A introdott bl-Att III tas-sena 2002 u emendat bl-Att XIII tas-sena 2002. Dan l-artikolu jifforma parti mit-Taqsima I tat-Tieni Ktieb, Titolu IV: "Fuq il-Qorti Kriminali". Bhala rizultat ta' dan l-artikolu gdid b'effett minn Ottubru 2003, sar possibbli li, qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija jekk hux hati jew mhux hati quddiem il-Qorti Kriminali, l-akkuzat u l-Avukat Generali jitolbu lil dik il-Qorti li, fil-kaz ta' ammissjoni, tapplika sanzjoni jew mizura jew kombinazzjoni ta' sanzjonijiet jew mizuri tax-xorta u l-kwantita` miftehma bejniethom. Jekk il-Qorti Kriminali tkun soddisfatta li s-sanzjoni jew mizura jew sanzjonijiet jew mizuri mitluba jkunu tali li jkun legittimu illi hija timponi mas-sejbien ta' htija ghar-reat jew reati li dwaru jew dwarhom l-akkuzat ikun ammetta l-htija u ma jkollhiex ghaliex tordna li jsir ilguri tal-kaz jew ghal xi raguni ohra tichad it-talba, wara li tispjega lill-akkuzat bi kliem car x'ikunu l-konsegwenzi tat-talba tieghu, il-Qorti Kriminali, meta ssir l-ammissjoni ta' htija ta' l-akkuzat, tghaddi biex taghti s-sentenza lilha ndikata mill-partijiet. Imbaghad tiddikjara fid-decizjoni taghha li s-sentenza li tkun qieghda tinghata tkun qieghda hekk tigi moghtija fuq talba tal-partijiet.*

*Fil-prattika kemm ilha li dahlet in vigore din id-disposizzjoni gdida, il-Qorti riminali qed tirrikjedi li t-talba ssir bil-miktub permezz ta' rikors jew nota kemm jista' jkun minn qabel u possibilment qabel id-dataappuntata ghas-smiegh tal-kawza u li kull diskussjoni dwar it-talba ssir 'in open court' biex titnehha kull ombra ta' suspett li l-*

*affarijiet mhux qed isiru fid-deher u kif suppost u biex jigi eliminat kull suspett t'abbuz possibbli li wiehed facilment jista' jimmagina li jista' jigi eskogitat mill-partijiet involuti, jew xi hadd minnhom. Hu mahsub li fejn il-Qorti Kriminali ma tkunx taqbel mas-sanzjoni jew mizura miftehma, li ukoll 'in open court' tiddikjara li, f'dak l-istadju, il-Qorti ma tistax taderixxi ghat-talba.*

*l-artikolu 392A(5) gdid imbaghad jestendi l-applikazzjoni tal-artikolu 453A fuq imsemmi ghall-proceduri quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja qabel ma l-akkuzat iwiegeb ghall-mistoqsija hux hati jew mhux hati, pero` f'dan il-kaz irid jidher l-Avukat Generali quddiem dik il-Qorti u n-nota li ssir mill-Avukat Generali u mill-imputat flimkien u li jkun fiha l-ftehim milhuq kif provdut fl-artikolu 453A tkun bizzejjed ghal dan il-ghan.*

*(Vide il-pulizija vs Jurgen Debattista deciz nhar 19 ta' Gunju 2007)*

Illi kif imfisser fl-artikolu tal-liġi stess, din il-Qorti m'hiex marbuta mal-patteġġjament iffirmat bejn il-partijiet jekk hija m'hiex tal-fehma li l-piena hemm imsemmija hija waħda ġusta u li għandha tingħata fil-każ li qed ikun ġudikat. Kif imfisser fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Republika ta' Malta vs. Mario Camilleri</u>**, deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-5 ta' Lulju 2002:-

*"Kull kaz, specjalment fil-kamp kriminali, ghandu l-fattispecie partikolari tieghu, li jkun ferm differenti minn kull kaz iehor; u ghalhekk, jaghmel ukoll sens, anke mill-aspett tar-retta amministrazzjoni tal-gustizzja, u sabiex figi salvagwardat li ssir gustizzja xierqa w kullhadd fiehu dak li haqqu, li tibqa' dejjem fid-diskrezzjoni tal-Qorti l-kwistjoni ta' l-ammont ta' lpiena li ghanda tinghata jkull kaz, dejjem in bazi tac-cirkostanzi partikolari ta' dak il-kaz quddiemha, u dan minkejja li jista jkun hemm qbil bejn il-*

*prosekuzzjoni w d-diftza dwar l-ammont ta' piena li ftl fehma taghhom hija adegwata"*

Illi kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **il-Pulizja vs Jean Claude Cassar** deċiża fis-17 ta' Jannar, 2013 deċiża mill-Qorti tal-Appelli Kriminali ngħad li :_

> *"Illi l-iskop wara l-patteggjament huwa wiehed uniku li ma jkunx hemm sorprizi ghax b'dan il-mod tigi stultifikata ghal kollox din il-prattika.….Illi l-element ta' sorpriza zgur mhux konducenti ghall-ahjar forma ta' gustizzja peress li pregudikat mhux biss lill-imputat imma sfortunatament anke lill-istess difensur li jkun igwida lill-klijent tieghu fuq dak li normalment jigri."*

Jingħad f'dan il-każ pero li mhux ser ikun hemm sorpiżi għaliex kif jirriżulta mill-verbal tas-seduta tat-15 ta' Frar 2024 din il-Qorti għarfet '*in open court*' lill-partijiet li hija ma kinitx marbuta bil-ftehim milqugħ bejn il-partijiet u dan kien indizju ċar li din il-Qorti kienet sejra tiddipartixxi minn dak miftiehem bejn il-partijiet. Din il-Qorti mhux tagħmel dan b'mod leġġer, kappriċċuż jew forsi sabiex tiddiskoraġixxi patteġġjamenti futuri. Il-Qorti taprezza li sabiex waslu s'hawn il-partijiet kien hemm diversi trattativi, madankollu f'dan il-każ il-Qorti hija tal-fhema li l-piena mifthema bejn il-partijiet ma tirriflettix fl-intier tagħha s-serjeta' li għandha tingħata f'dan każ fejn l-akkużat *inter alia* ammetta li qatel bniedem u saħansitra anke ħeba l-katavru tiegħu u ammetta wkoll li kkommetta attentat t'omiċidju fuq persuna innoċenti u dan b'mod brutali. Kien biss grazzi għall-pulizija li nzertat għaddeja mill-akwati fejn il-vittma Emil Vassilev Marinov nstab mixħut mal-art f'għadira demm li ġie salvat mill-mewt. Jingħad biċ-ċar illi meta ġiet promulgata din il-liġi dwar il-patteġġjamenti, il-leġislatur xtaq li jħalli d-diskrezzjoni f'idejn il-Qorti u dan sabiex jaċċerta ruħu li l-ġustizzja mhux biss issir imma trid tidher li qed issir. Jiġi mfakkar illi l-Qorti mhux parti minn dan il-ftehim apposta u dan sabiex ikollha l-obbligu legali li tissorvelja dan il-ftehim fid-dawl tal-provi mressqa, sabiex b'hekk b'mod indipendenti tara għandiex tasal għall-istess tip ta'piena jew l-istess quantum fil-piena.

Il-Qorti tinnota li għalkemm il-*parte civile* kienu rappreżentati quddiem din il-Qorti, kuntrarjament għall-istatus tagħhom quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja fejn jistgħu jipparteċipaw bi sħiħ u saħansitra jsaqsu d-domandi fl-interess tal-vittma, quddiem din il-Qorti ma għandhomx *locus standi.*

Jingħad li għalkemm il-parti offiża jew il-vittma għandhom il-jedd li jipparteċipaw fil-proċeduri kriminali, (liema jedd illum huwa mħares mill-liġijiet kemm Ewropej kif ukoll internazzjonali, bid-Direttiva 2012/29/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 li tistabbilixxi standards minimi fir-rigward tad-drittijiet, l-appoġġ u l-protezzjoni tal-vittmi tal-kriminalità, u li tissostitwixxi d-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2001/220/ĠAI, liema direttiva ġiet tramandata fil-ligi tagħna permezz tal-Kapitolu 539 tal-Liġijiet ta' Malta,) dawn ma jiffurmawx parti mill-Prosekuzzjoni u huma biss parteċipanti fil-proċess ġudizzjarju, iżda dan bil-mod kif tgħid il-liġi, bl-artikolu 410(3) tal-Kodiċi Kriminali jirregola dan il-jedd quddiem il-Qorti Istruttorja, u l-artikolu 490(3) quddiem il-Qorti Kriminali. Quddiem din il-Qorti l-*parte civile* għandhom dritt biss li jindirizzaw lilha f'każ ta' ħtija sabiex jindikaw lil Qorti dak li huma jaħsbu tkun il-piena idoneja. Fi proċeduri quddiem din il-Qorti fejn hemm patteġġjament dwar il-piena u cioe fejn il-proskeuzzjoni u d-difiża jkun qablu bejniethom dwar il-piena li jixtiequ li tingħata minn din il-Qorti l-parte civile m'għandux vuċi. Għalkemm jirriżulta li f'dan il-każ l-Avukat Generali żamm il-parte civile infurmat bid-diskussjonijiet li kienu għaddejja bejnha u bejn id-difiża tal-akkużat dan ma seħħx fit-termini tal-liġi u għalhekk wasal iż-żmien li dan il-fattur jiġi indirizzat b'qafas leġislattiv biex ma jkunx hemm possibilita ta' abbuż u b'hekk il-parte civile li huwa parti interessata tkun tista twassal hi ukoll il-ħsieb u xewqa tagħha. Forsi għandu jiġi kunsidrat fejn hemm *parte civile* li l-avukat difensur tiegħu jiffirma ir-rikors konġuntiv ukoll.

Illi il-piena li jista' jiġi kkundannat l-akkużat hija ferm ogħola minn dik li ppatteġġjaw l-Avukat Ġenerali u l-Avukati difensuri.

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-akkużat li tinsab esebita fl-atti hija waħda refrettarja tant li fis-sena 2001 meta l-akkużat kien għad għandu sbatax-il sena kien diġa nstab ħati ta' serq. Illi in segwitu kien hemm diversi reati reġistrati fuqha fejn ingħata sentenzi sospiżi u saħansitra anke piena ta' priġunerija effettiva u cioe' nonostante ma tgħallimx tant li reġa' qiegħed il-Qorti akkużat bir-reat l-iktar serju ta' omiċidju volontarju u reati serji oħra fosthom attentat ta' omiċidju fuq persuna oħra fejn saħansitra rreġistra ammissjoni ukoll.

Il-Qorti rat li l-omiċidju kommess mill-akkużat fuq il-persuna ta' Mario Farrugia kien wieħed barbaru għall-aħħar fejn saħansitra wara li qatlu, ħeba l-katavru fil-*booth* ta' karozza u ħbieħ għal żmien twil sakemm il-prosekuzzjoni solviet ir-reat.

Fir-rigward tal-attentat ta' omiċidju, il-Qorti rat li dan kien wieħed inaspettat fejn persuna ġenwina kienet marret biex tiltaqa' mal-akkużat mingħalija biex tixtri xi stereo, wara li kienet wieġbet għal xi ħaġa fuq il-midja soċjali u minflok ma spiċċat xtrat dan l-istereo, iltaqgħet mad-destin tagħha li tindarab b'mod brutali, u dan qed jingħad għaliex l-akkużat fil-fatt taħ diversi daqqiet bi strument li jaqta'. Il-Qorti hawnhekk ukoll eżamiant ir-ritatti esebiti fl-awla u rat id-daqqiet numeruzi li qala' l-vittma Emil Vassilev Marinov fejn saħansitra fetahlu mohhu ktieb u kien biss bl-għajnuna tal-pulizija li inzertat għaddejja minn hemm li l-vittma Emil Vassilev Marinov instab mixħut fl-art f'għadira demm u ġie salvat mill-mewt. Żgur li din il-Qorti ma tista' qatt taċċetta aġir manipulenti, frawdolenti u annimalesk bħal dan. M'hemmx dubju li l-akkużat mhux xejn salv pjaga fis-soċjeta' li postu huwa li jkun inkarċerat għal żmien twil u dan sabiex il-Qorti tipproteġi s-soċjeta' minn dawn it-tip ta' nies li huma *cold blooded* u lesti li jagħmlu minn kollox għal somma miżera ta' mitt euro. Żgur li l-ħajja ta' bniedem hija mprezzabbli u tqum ħafna iktar minn mitt euro. In oltre, jiġi mfakkar illi l-akkużat ikkommetta r-reat t'omiċidju volontarju propju meta kien qed igawdi mill-liberta' kundizzjonata u għalhekk dan seħħ bi sfida lejn l-amministrazzjoni tal-ġustizzja.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet suċitati din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 15A, 17, 23, 31, 41(1)(a), 49, 50, 211(1)(2), 239, 260(a)(e)(f), 262(1)(a)(b), 269(c), 270, 273, 383, 384, 386, 412C, 533 u 579 tal-Kodici Kriminali; l-Artikoli 6, 51(7) u 55(a) tal-Kap. 480 tal-Liġijiet ta' Malta. Tiddikjara li qed issib lill-akkużat Elliot Paul Busuttill ħati tal-akkużi kollha kif ammessi minnu u tikkundanna sentenza ta' tnejn u erbghin (42) sena priġunerija u mhux għomru priġunerija stante l-ammissjoni. In oltre, din il-Qorti qedgħa wkoll tikkundanna l-akkużat Busuttil iħallas multa ta' mija u sittax-il euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Il-Qorti tiddikjara li l-akkużat kiser il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) hekk kif kienet ippreseduta mill-allura Maġistrat Dr Natasha Galea Sciberras fid-digriet tagħha tal-5 ta' Settembru 2018 meta ngħata l-ħelsien mill-arrest u konsegwentament tordna ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali il-konfiska tad-depożitu li sar fl-ammont t' €1000 fir-reġistru ta' din il-Qorti u li jħallas il-garanzija personali t' €10,000 skont l-istess digriet u dan a favur tal-Gvern ta' Malta. (Dok KAX1 fol. 825 VOL III Kump nru 395/2020).

Il-Qorti tiddikjara li l-akkużat kiser il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet tal-Qorti Kriminali hekk kif ippreseduta nhar it-3 ta' Diċembru 2020 meta ngħata l-ħelsien mill-arrest u konsegwentament tiddikjara li hu t-tilef il-liberta' proviżorja u konsegwentament tordna ai termini tal-Artikolu 579 tal-Kodiċi Kriminali il-konfiska tad-depożitu li sar fl-ammont t' €4000 fir-reġistru ta' din il-Qorti u li jħallas il-garanzija personali t' €10,000 skont l-istess digriet u dan a favur tal-Gvern ta' Malta. (Dok EPBX1 fol. 1180 VOL IV Kump nru 194/2022).

Di piu', il-Qorti tobbliga lill-akkużat li ma jimmolestax u ma jinġurjax u ma jikkomunikax ma' Emil Vassilev Marinov għal perjodu ta'sena taħt penali t'elfejn euro fin-nuqqas ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti qed tikkundanna lill-ħati Elliot Paul Busuttil iħallas lill-Gvern ta' Malta is-segwenti spejjeż inkorsi fil-proċeduri odjerni:

1. Is-somma ta' €64.35 li kienu ġew imħallsa lil Dr Alexander Scerri Herrera (fol. 45, V I Kump. Nru 395/2020)
2. Is-somma ta' €2321.93 li kienu ġew imħallsa lil Keith Cutajar (fol. 262, V I Kump. Nru 395/2020)
3. Is-somma ta' €373.24 li kienu ġew imħallsa lil Dr Jonathan Joslyn (fol. 348, V I Kump. Nru 395/2020)
4. Is-somma ta' €559.50 li kienu ġew imħallsa lil Dr Mario Scerri (fol. 455, V II Kump. Nru 395/2020)
5. Is-somma ta' €921.60 li kienu ġew imħallsa lil WPC 89 u PC1285 (fol. 517, V II Kump. Nru 395/2020)
6. Is-somma ta' €125.92 li kienu ġew imħallsa lil PS 186 (fol. 676, V II Kump. Nru 395/2020)
7. Is-somma ta' €442.50 li kienu ġew imħallsa lil Dr Martin Bajjada (fol. 737, V III Kump. Nru 395/2020)
8. Is-somma ta' €13,706.88 li kienu ġew imħallsa lil Dr Marisa Cassar (fol. 781, V III Kump. Nru 395/2020)
9. Is-somma ta' €660.44 li kienu gew imhallsa lil Dr Lennox Vella (fol. 144, Vol I Kump. Nru 194/2022)
10. Is-somma ta' €14,373.90 li kienu ġew imħallsa lil Keith Cutajar (fol. 686, Vol II Kump. Nru 194/2022)
11. Is-somma ta' €1775.86 li kienu ġew imħallsa lil PS 385 u PC 2089 (fol. 708, Vol II Kump. Nru 194/2022)
12. Is-somma ta' €27,470.40 li kienu ġew imħallsa lil Dr Marisa Cassar (fol.980, Vol III Kump. Nru 194/2022)
13. Is-somma ta' €484.42 li kienu ġew imħallsa lil PS 1147, PS 2293 u PS 169 (fol. 1026, Vol III Kump. Nru 194/2022)

14. Is-somma ta' €1582.20 li kienu ġew imħallsa lil PS 1147, PC 2140 u PC 1285 (fol. 1134, Vol III Kump. Nru 194/2022)
15. Is-somma ta' €4960.10 li kienu ġew imħallsa lil Dr Mario Scerri (fol. 1173, Vol III Kump. Nru 194/2022)
16. Is-somma ta' €106.40 li kienu ġew imħallsa lil PS 1147 (fol. 1254, Vol IV Kump. Nru 194/2022)
17. Is-somma ta' €857.26 li kienu ġew imħallsa lil Keith Cutajar (fol. 1421, Vol IV Kump. Nru 194/2022)

B'kollox ghalhekk, il-Qorti qedgħa tikkundanna lill-akkużat iħallas is-somma ta' €70, 786.90 lill-Gvern ta' Malta u dan fi żmien sentejn mill-lum u fin-nuqqas li jħallas dan l-ammont fit-terminu lilu mogħti, dan l-ammont għandu jiġi kkonvertit f'perjodu ta' priġunerija addizzjonali u dan ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kodiċi Kriminali.

Il-Qorti tordna il-konfiska tal-oġġetti kollha li ġew esebiti f'dawn il-proċeduri a favur tal-Gvern ta' Malta ai termini tal-artikolu 23 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta una volta jirriżulta li ntużaw bħala l-*corpus delicti* tar-reati.

Il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lid-Direttur tal-Qorti Kriminali sabiex tieħu ħsieb tiġbor il-ħlas tal-ispejjez, kif ukoll il-konfiska tal-flejjes minħabba l-ksur ta' żewġ digrieti tal-Qorti suċitati.

Il-Qorti tordna wkoll li kopja ta' din is-sentenza tiġi notifikata lill-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja u r-riforma għall-kostruzzjoni Dr Jonathan Attard, sabiex jara jekk hemmx lok li l-istutut tal-*parte civile* fi ħdan il-liġi penali tagħna għandux jiġi rivedut.

**Consuelo Scerri Herrera**

**Imhallef**